**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 36 - IT-TLIETA 18 TA' OTTUBRU 2011**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-19:45.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* BIĊ |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati (ma jiflaħx): | Clifford Galea | Kunsillier |
| Skużat: | David Bonello | Kunsillier |
| Pubbliku: | Kien hemm persuna waħda mill-pubbliku għal parti mil-laqgħa | |

**1. APOLOĠIJI**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (ES) informa li l-Kunsillier Galea kien infurmah li kien ma jiflaħx u għalhekk ma setax jattendi filwaqt li l-Kunsillier Bonello kien informa li ma jistax jattendi.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Il-minuti ġew meqjusa moqrija.

2.2. Il-Kunsillier Brincat ippropona emenda fl-aħħar sentenza tal-para. 5.6 biex titneħħa l-kelma 'possibilment'. Il-Kunsill qabel.

2.3. Il-Kunsill Brincat ippropona emenda oħra biex tinbidel it-tieni sentenza tal-para. numru 8.1.4. Minħabba li kien hemm nuqqas ta' qbil dwar it-test tal-emenda kif propost, is-SE intalab is-suġġeriment kif għandu jitpoġġa l-kliem u għalhekk, wara diskussjoni qasira kien maqbul b'mod unanimu li t-tieni sentenza għandha taqra '*Il-Kunsillier Galea informa li hu ma kienx jaqbel li għandu jiżdied id-dawl dekorattiv u, minflok, kien jippreferi li l-flus inżiduhom mal-attività għar-Raħal fil-Milied'.*

2.4. Wara kunsiderazzjoni il-minuti ġew approvati kif emendati u għalhekk iffirmati mis-Sindku u s-SE.

**3. KOMMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

3.1. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar tnaqqis mill-allokazzjoni ta' €26,000 bħala penali għall-fatt li r-rapport

annwali finanzjarju dam ma ntbagħat. Hija kompliet li kienu diġà saru r-rappreżentazzjonijiet mad-Dipartment bħala oġġezzjoni għal dan speċjalment fid-dawl li d-Dipartiment kien qiegħed jinżamm kontinwament infurmat bis-sitwazzjoni bl-*accountant* tant li l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (NAO) kien approva li jagħlqu l-finanzi l-awdituri stess.

3.2. Is-Sindku tat informazzjoni dwar is-sitwazzjoni mas-Soċjetà Peace u li kienet waslet ittra mingħand l-avukat tal-istess soċjetà. Hija talbet lis-SE jaqra l-ittri involuti kif ukoll abbozz ta' risposta mill-avukat tal-Kunsill li kien approvat mill-Kunsill biex tintbagħat.

3.3. Is-SE informa li kienet waslet talba mingħand Frank Salt Ltd biex jinstallaw *barriers* b'reklami fuq is-*centre strip* tal-pjazzetta ta' Triq l-Għenieq u fin-naħa t'isfel tal-bankina quddiem id-daħla tal-bandli. Dan isir skont il-*bye law* tal-Kunsill għall-prezz ta' €116.47 kull waħda fis-sena. Il-Kunsill approva li jitħallew jagħmlu dan possibilment għal perijodu ta' sitt xhur u mhux sena minħabba li l-Kunsill jixtieq li jemenda l-*bye law*. Kemm-il darba jinstab li dan ikun diffiċli, jingħataw il-permess għal sena.

3.4. Is-SE informa li fit-28 ta' Ottubru f'nofsinhar se jagħlqu l-offerti għas-servizzi tal-*accountant* u għalhekk se jattendu l-Kunsillier Muscat Fenech Adami u Miceli biex jiftħu l-offerti flimkien miegħu.

3.5. Is-SE informa wkoll li perijodu tal-appell għall-offerti tal-kisi tat-toroq kif ukoll dak għas-servizzi tal-Perit issa għalaq u beda l-proċess għall-kuntratt.

3.6. Is-SE informa li fis-26 ta' Ottubru fis-2:30pm se jsiru preżentazzjonijiet tal-iskema EGOV4U f'Bay Street Hotel u li għaliha kienu mistiedna s-Sindku u s-SE. Huwa fakkar li l-Kunsill kien applika biex jinstalla sistema fejn il-pubbliku jista' jinqeda aħjar mill-uffiċċju permezz ta' *internet point.*

3.7. Is-SE informa li l-amministrazzjoni reġgħet bdiet taħdem biex tiffinalizza s-sistema tal-permessi. Huwa spjega li l-intenzjoni tiegħu hija li tibda taħdem kemm jista' jkun malajr, anki jekk ma tkunx finalizzata kollha iżda jkollha partijiet minnha konklużi. Huwa kompla li bdew ukoll jiffinalizzaw il-websajt u infatti kien sejjaħ laqgħa għall-ġimgħa ta' wara. Sadanittant huwa informa li l-iżviluppaturi kienu qed jitolb l-ħlas minħabba li kienu ilhom ħafna li bdew ix-xogħol. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li jistenna sa laqgħa oħra ħalli jara xi żviluppi jkun hemm. Sadanittant is-SE kien mitlub jibgħat il-link tal-websajt lill-Kunsillieri għall-kummenti inizjali tagħhom.

3.8. Is-SE informa li kienet għaddejja l-ħidma biex tkun organizzata l-*Hill Climb* fit-13 ta' Novembru u infatti l-għada kellu laqgħa fuq il-post mal-president tal-Malta Motorsports Federation.

3.9. Is-SE informa li kienet intbagħatet *email* lis-sidien tal-ħwienet biex tinfurmahom b'inizjattivi li qed jitħejjew għalihom filwaqt li jintalbu jimlew kwestjonarju. Kopja ta' din l-*email* kienet intbagħatet lil kull Kunsillier. Il-Kunsillier Muscat Fenech Adami infurmat li dwar dan kienu saru xi laqgħat biex tinġabar aktar informazzjoni dwar il-possibiltà ta' dawn l-inizjattivi.

3.10. Is-SE ressaq proposta biex jipparteċipa fi ktejjeb għall-istudenti tal-iskola primarja b'messaġġ favur l-annimali. L-ispiża għal din il-partċipazzjoni hija ta' €100 u jkun inkluż il-logo tan-Naxxar fuq il-ktejjeb. Il-Kunsill approva.

3.11. Is-SE informa li kien hemm każ b'ittra mingħand avukat ta' ċertu Antoinette Muscat minn Triq Anton Manwel Caruana fejn qed tallega li xogħol li sar biex titnaqqas il-possibiltà ta' dħul ta' ilma fil-garaxx tagħha ma kienx se jsolvi l-problema. Huwa fakkar li l-Kunsill, madwar sitt snin ilu kien għalaq fetħa fis-*centre strip* minħabba li kien daħlilha ammont ta' ilma tax-xita. Is-sena l-oħra kien ukoll daħlilha ammont ta' ilma wara x-xita kbira li

kienet għamlet f'Ottubru. Waqt li kien għaddej ix-xogħol fuq Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, bl-approvazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv, kien qabbad lill-kuntrattur biex jirrimedja u infatti kien għolla l-kurduna id-doppju talli kienet. Il-kuntrattur kien aċċertah li d-differenza fl-għoli hija kbira u għalhekk il-problema għandha tkun solvuta. Is-Sinj. Muscat però kienet qed tinsisti li tittella ċinta, xi ħaġa li setgħet faċilment timblokka l-passaġġ. L-avukat tal-Kunsill kien tqabbad iwieġeb l-ittra.

3.12. Is-SE informa li l-proċess tax-xogħol tal-bankini kien jinsab fil-fażi tal-permessi għand Transport Malta filwaqt li kien imwiegħed mill-kuntrattur li, dment li jkollu l-permessi, kien se jibda x-xogħol.

3.13. Is-SE fakkar fil-wirja tal-Arti, Delizzji u Snajja li kienet se tinżamm bejn l-4 u s-6 ta' Novembru fl-Oratorju. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsillieri biex jattendu. L-inawgurazzjoni se ssir nhar l-4 ta' Novembru fis-7:30pm u għaliha hemm ċans li jattendi l-Onor Dott. Chris Said.

3.14. Is-SE informa lill-Kunsill li kienet saret laqgħa mas-Sinj. Carmen Borg u s-Sur Michael Galea tal-GRTU bħala bidu tal-konsultazzjoni dwar il-proġett tal-pjazza. Din il-laqgħa saret il-Ġimgħa 7 ta' Ottubru 2011 fid-9am u għaliha kienu preżenti s-Sindku, l-Kunsillier Brincat u s-SE. Ir-rappreżentanti tal-GRTU sostnew li, jekk il-pjanta tibqa' kif sottomessa lill-MEPA, il-GRTU se żżomm il-pożizzjoni tagħha kontra l-proġett. Is-SE infurmahom li l-Kunsill kien beda l-proċess ta' konsultazzjoni bil-ħsieb li, jekk hemm bżonn issir pjanta ġdida li tkun aċċettabbli aktar. Il-GRTU fakkru lill-Kunsill li issa, bl-Arriva, se jkun hemm problema akbar minħabba fid-daqs tagħhom. Huma staqsew ukoll dwar x'ġara mill-ħsieb ta' parkeġġ taħt il-bandli. Hawnhekk is-SE talab lill-Kunsill jiddeċiedi jekk iridx jibda l-proċess mad-Dipartiment tal-Artijiet dwarha. Il-Kunsill qabel li għalissa jistenna l-proċess ta' konsultazzjoni. Waqt il-laqgħa l-Kunsill talab li jkun hemm xi proposti konkreti mingħand is-sidien tal-ħwienet biex jgħin aktar lill-Kunsill jagħmel l-aħjar għażla. Il-GRTU infurmaw li huma jaqblu ma' parkeġġ limitat bil-ħin għall-ħatt u t-tgħabija tal-merċa filwaqt li appellaw biex it-tibdil ikun gradwali. Huma offrew l-għajnuna tagħhom f'każ li l-Kunsill ikun irid jistabbilixxi aktar żoni ta' parkeġġi residenzjali. Din il-laqgħa spiċċat fl-9:55am.

3.15. Is-SE informa li dwar l-istess suġġett tal-konsultazzjoni dwar il-proġett tal-Pjazza, kienet se ssir laqgħa mas-Sur Hilary Caruana ta' Outlook Co-op dwar is-servizzi li joffru f'dan ir-rigward.

3.16. Is-SE fakkar fil-komunikazzjoni li kien għaddielhom dwar il-proposta tal-Kumitat Amministrattiv biex isir kors intern ta' *Creative Team Building*. Fid-dawl li d-Dipartiment kien se jorganizza korsijiet simili, kien hemm qbil li għalissa tinżamm sakemm ikunu organizzati l-korsijiet tad-Dipartiment.

3.17. Is-Sinj. Muscat Fenech Adami infurmat li fir-rigward tal-inizjattiva *Play me I'm Yours* hija kienet għamlet il-kuntatti meħtieġa. Sadanittant is-Sindku wkoll kienet għamlet kuntatti u kien stabbilit li l-postijiet magħżula kienu kif determinati mill-isponsors.

3.18. Is-SE informa li, bi żvista, minkejja li kull membru kien konxju ħafna mill-każ ta' Reuben Zammit, li kien qiegħed ifittex lill-Kunsill minħabba li f'intervisi għall-kariga ta' Assistent Uffiċċjal Prinċipali kien ġie mistoqsi kemm għandu età, ma kienx hemm nota dwar dan il-każ fil-minuti u għalhekk kien qiegħed jinnota dan issa għal skop ta' *records.*

3.19. Is-SE informa li nhar is-27 ta' Settembru fit-3pm kienet saret konferenza stampa mill-Onorevoli Clyde Puli u l-Onorevoli Chris Said fil-*multipurpose pitch* tan-Naxxar fejn kienet ġiet varata l-iskema tal-isports il-ġdida.

3.20. Il-Kunsillier Muscat Fenech Adami infurmat li kienet ġiet f'kuntatt u saret laqgħa mas-Sinj. Lorraine Farrugia min-Naxxar li tgħallem iż-żfin. Lil din il-persuna kienet qed tirrakkomandalha li tibda tieħu ħsieb u torganizza grupp ta' żfin folkloristiku. Is-Sinj. Farrugia kienet tidher interessata f'din il-proposta u kienet se tikkonferma lura.

3.21. Il-Kunsillier Muscat Fenech Adami infurmat li kienet avviċinat persuni minn Birguma biex tifforma sottokumitat. Fuq mistoqsija għaliex ma kienx sar avviż is-Sinj. Muscat Fenech Adami fakkret li hija kienet għamlet avviż diġà permezz tal-artiklu tagħha fil-Kuntatt. Il-Kunsill qies dan bħala aċċettabbli. Il-membri avviċinati kienu:

Adrian Bajada

Marstel Cuschieri

Paul Testaferrata Moroni Viani

Phillip Wismayer

Paul Galea – Ma laqax it-talba

3.22. Is-Sindku semmiet li kien xieraq li ssir sejħa għal min hu interessat li jkun membru ta' sottokumitat għal San Pawl tat-Tarġa. Hija kienet lesta li tmexxi dan is-sottokumitat. Il-Kunsill qabel. Fuq proposta tal-Kunsillier Sammut il-Kunsill qabel li sejħa simili ssir ukoll lir-residenti tal-Magħtab biex ikun hemm sottokumitat immexxi minnu.

3.23. Il-Viċi Sindku talab konferma jekk għandux jipprepara l-Kuntatt ta' Diċembru li ġej. Il-Kunsill ikkonferma u għalhekk il-Viċi Sindku talab lill-Kunsilliera jibdew jaħsbu għall-artiklu tagħhom. Kien hemm qbil li jekk ikun hemm il-ħtieġa jkun fih anki sittax-il paġna.

3.24. Il-Kunsillier Miceli infurmat li l-korsijiet tal-Life Long Learning jinsabu mexjin tajjeb.

3.25. Is-Sindku infurmat li, wara r-rappreżentazzjonijiet li għamlet dwar ir-rotot tal-Arriva, kellha indikazzjonijiet li t-talbiet se jkunu milqugħa.

## 4. RAPPORT DWAR BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

4.1. Iċ-*Chairperson* ippreżentat il-minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv (laqgħa numru 15 tat-3 ta' Ottubru) bħala r-rapport tal-laqgħa. Dan kien mibgħut lil kull Kunsillier nhar is-6 ta' Ottubru. Il-Kunsill approva.

## 5. ĦLAS TA' KONTIJIET U RENDIKONTI TA' DĦUL U ORDNIJIET

5.1.1. Is-SE ippreżenta l-lista ta' kontijiet pendenti. Il-lista kienet approvata (annessa f'A).

5.1.2. Il-Kunsilliera Micel ġibdet l-attenzjoni għal arbuxelli li mietu mill-*planters* ta' Triq Birguma.

5.1.3. Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni wkoll biex tingħata aktar attenzjoni għall-kura tal-ġnien fi Triq l-Imħalla.

5.1.4. Is-SE ippreżenta wkoll ir-rendikonti tad-dħul u tal-ordnijiet għal Settembru. Dawn kienu approvati (annessa f'B u f'Ċ rispettivament).

5.1.5. *Xogħol ta' manutenzjoni tal-latrini:* Il-Kunsill kien ippreżentat bi stima inizjali għax-xogħol ta' manutenzjoni tal-latrina (inkluż tibdil tal-aċċessorji u l-madum) li kienet tammonta għal total ta' madwar €6,500. Il-Kunsill qabel li ma jkunx għaqli li ssir spiża ta' dak id-daqs meta hemm ħsibijiet biex titwaqqa' u tinbena mill-ġdid. Is-SE kien mitlub biex jitlob lid-Dipartiment

tal-Artijiet ħalli jitwal il-perijodu tal-kuntratt tad-devoluzzjoni u fl-istess waqt jibda jikkomunika mal-Perit ħalli jipprepara l-pjanti meħtieġa.

5.1.6. *Disinjar tal-Business Directory u fuljetti:* Il-Viċi Sindku ppreżenta stima ta' €250 għas-servizz ta' disinn tad-Direttorju tan-Negozji. Il-Kunsill qies din il-kwotazzjoni vantaġġjuża ħafna u għalhekk approvaha. Is-SE talab għall-kunsiderazzjoni tal-istess persuna biex tiddisinja l-Kuntatt. Il-Kunsill qabel.

5.1.7. *L-avviż għal informazzjoni dwar il-business directory*: Is-SE informa li, skont kif kien approva l-Kunsill aktar qabel, kien ħejja avviż biex jintbagħat ħalli dawk li għandhom negozju, iżda mhux ħanut (u allura l-Kunsill ma kellux informazzjoni dwarhom) ikunu jistgħu jgħaddu d-dettalji tagħhom biex ikunu inklużi fid-direttorju. Il-Kunsill qabel li jintbagħat iżda nistennew sakemm ikollna l-avviż l-ieħor dwar is-Soċjetà Peace kif approvat fil-laqgħa ta' qabel.

*5.1.8.* *Stampar ta' stickers għall-permessi tal-krejnijiet:* Is-SE ressaq proposta għall-istampar ta' *stickers* li jkunu jistgħu jingħataw lil kull min jistaqsi għalihom meta jiġi biex jagħmel permess mingħand il-Kunsill. Permezz tagħhom wieħed aktar jaċċerta lill-ġirien li x-xogħol qiegħed isir bil-permess u biex ma jipparkjawx karozzi fid-dati u l-ħinijiet tal-permess. Dan kien oriġinalment suġġerit minn persuni li talbu l-permess minħabba li din diġà qed tkun implimentata minn numru ta' Kunsill u instab li kienet effettiva. Kull *sticker* tkun suġġetta għal ħlas ta' €1.

## 6. OFFERTI GĦAD-DAWL TAL-MILIED

6.1. Is-SE ippreżenta skeda tal-offerti għad-dawl tal-Milied li kienet tinkludi żewġ offerti, waħda mingħand SBL Ltd u oħra mingħand Jing Hong LED Light CO., LTD.

6.2. Il-Kunsill unanimament qabel li dik ta' Jing Hong LED Light CO., LTD hija aktar vantaġġjuża u għalhekk laqa' dik l-offerta.

6.3. Il-Kunsill qabel ukoll li jkunu ordnati wkoll numru ta' *strings* bl-LED's li kienu ġarrbu l-ħsara s-sena l-oħra.

## 7. IS-SITWAZZJONI TAR-RIŻORSI UMANI FIL-KUNSILL

7.1. Is-SE informa li s-Sinj. Josette Micallef bdiet is-servizzi tagħha mal-Kunsill Lokali Mtarfa fil-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv għalkemm kienet se tibqa' ftit żmien ieħor fuq bażi *part time* sakemm tlesti ċertu xogħol pendenti. Huwa informa wkoll li hija kienet irċeviet komunikazzjoni mid-Dipartiment li m'għandiex titfa' r-riżenja tagħha minħabba li dawk appuntati issa għandhom l-opportunità li jmorru lura fil-kariga li kellhom jekk għal xi raġuni jispiċċaw mill-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv. Filwaqt li kulħadd esprima l-awgurju għas-Sinj. Micallef kien hemm qbil li d-Dipartiment ma kienx qiegħed jaġixxi sewwa.

7.2. Sadanittant is-SE informa li kien kiseb l-approvazzjoni mid-Dipartiment biex joħroġ sejħa għall-kariga ta' Uffiċjal Eżekuttiv. Fuq mistoqsija għaliex ma kienx se jkun hemm sejħa għall-istess kariga li se tonqos, is-SE u s-Sindku wieġbu li mill-esperjenza ma jkunx għaqli li jkollok persuna nieqsa mill-esperjenza li iżda tkun fuq persuni oħra b'aktar esperjenza. L-ewwel sejħa kienet minn fost l-impjegati tal-Kunsill Lokali Naxxar u, jekk ma jinstab ħadd aċċettabbli l-Kunsill ikun jista' jmur għal sejħa minn fost il-Kunsilli Lokali kollha.

7.3. Il-Kunsill imbagħad iddiskuta jekk għandux jikkonferma l-kariga tal-aħħar impjieg li kellu u li kien għadu jinsab fiż-żmien ta' prova. Kien hemm reazzjoni mħallta dwar kif wieħed għandu jassessja l-*performance* tiegħu filwaqt li s-SE informa li fl-aħħar ħmistax kien innota titjib fil-*performance* tiegħu. Wara diskussjoni fit-tul, fuq proposta tas-Sindku, li kienet issekondata mill-Kunsilliera Muscat Fenech Adami, il-Kunsill finalment qabel li titjib fl-aħħar ftit mhux konvinċenti u, sakemm ma jkunx hemm possibiltà li ż-żmien ta' prova jitwal jew li jkun jista' jitniżżel fi grad inqas, m'għandux ikollu l-impjieg tiegħu ikkonfermat. Il-Kunsilliera Miceli astjeniet.

7.4. F'dan il-ħin is-SE talab lill-Kunsillieri jikkonfermaw jekk iridux ikomplu għaddejin bil-laqgħa minħabba li kienet waslet biex tiskadi t-tielet siegħa tal-laqgħa. Il-Kunsill kien unanimu li l-laqgħa għandha titkompla. Il-ħin kien il-10:45pm.

7.5. Is-Sinjura Cuomo talbet li tkun skużata.

## 8. MOZZJONI DWAR IL-PROĊEDURI FIL-PROĊESS TAL-ITTRATTAR TAL-ILMENTI

8.1. Il-Kunsillier Brincat ressaq mozzjoni dwar il-proċeduri fil-proċessar tat-trattar tal-ilmenti. Din kienet issekondata mill-Kunsilliera Muscat Fenech Adami.

8.2. Il-mozzjoni intlaqat tajjeb u infatti għaddiet *nem con*. Kopja tagħha hija annessa f'D

8.3. F'dan il-ħin kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jiddiskuti l-proposta indikata fin-numru 9 (a) fuq l-aġenda.

## 9. PROPOSTA BIEX TRIQ SPANJA SSIR F'DIREZZJONI UNIKA (*ONE WAY*)

9.1. Il-Viċi Sindku informa li kienu twaslulu talbiet biex issir miżura tat-traffiku fiż-żona ta' Triq Spanja minħabba problemi li qed ikun hemm.

9.2. Wara diskussjoni kien hemm qbil li ssir konsultazzjoni mar-residenti bil-proposta kif annessa f'E.

## 10. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

10.1. Il-Kunsill qabel li jaġġorna l-laqgħa għall-Erbgħa 16 ta' Novembru fis-7:30pm.

10.2. Il-laqgħa ġiet aġġornata fil-11:00pm.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv

A

**Kunsill Lokali: Naxxar** **Skeda Nru. Laqgha 36**

**Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mit-28 ta' Settembru 2011 sal-14 t'Ottubru 2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 3D Distributors Ltd. | €59.00 | €59.00 | D | PF | distribution of circular No. 4 (BIC) | 05/10/2011 | 1521 | 3684 | 3684 | 2970 | |
| 2 | Agricultural Co-operative Ltd. | €3,481.00 | €3,236.89 | T | PF | Garden Maintenance Fee - August 2011 | 31/08/2011 | 12210 | n/a | n/a | 3061 | |
| 3 | AMJ Legal Services | €177.00 | €177.00 | T | PF | retainer fees for the month of September 2011 | 01/10/2011 | 104 of 2011 | n/a | n/a | 3140 | |
| 4 | Archway Ironmongery | €106.50 | €106.50 | D | PF | pkts of garbage bags; masking tape; box of screws; etc | 12/08/2011 | 31805 | 3653, 3669 & 3691 | 3653, 3669 & 3691 | 2370 | |
| 5 | B. Grima & Sons Ltd. | €293.82 | €293.82 | D | PF | 6 No entry signs; etc | 06/10/2011 | 2710 | 3697 | 3697 | 7230 | |
| 6 | Bitmac Ltd. | €29.74 | €29.74 | D | PF | instant road repair | 22/09/2011 | 87053 | 3698 | 3698 | 2311 | |
| 7 | C & E Airconditioning Ltd. | €42.01 | €42.01 | D | PF | Labour charge - works carried out in Hall | 27/09/2011 | 5138 | 3699 | 3699 | 2330 | |
| 8 | Charlie Mifsud | €2,721.19 | €2,721.19 | T | PF | Beach Cleaning services - Sept. 2011 | 01/10/2011 | 909 | n/a | n/a | 3063 | |
| 9 | Charlie Mifsud | €2,062.05 | €2,062.05 | T | PF | extra work - Sept. 2011 | 01/10/2011 | 908 | n/a | n/a | 3063 | |
| 10 | Charlie Mifsud | €1,625.00 | €1,625.00 | T | PF | weed cutting of Non Urban roads - Sept. 2011 | 01/10/2011 | 907 | n/a | n/a | 3052 | |
| 11 | Charles Sant | €115.00 | €115.00 | D | PF | service of 2 skips | August. 2011 | n/a | 3700 | 3700 | 3046 | |
| 12 | Christian Galea | €5,833.33 | €5,541.67 | T | PF | Street Sweeping - Sept. 2011 | 30/09/2011 | 102 | n/a | n/a | 3051 | |
| 13 | Commisioner of Inland Revenue | €2,672.90 | €2,672.90 | D | PF | FSS for the month of August, 2011 | 27/09/2011 | n/a | n/a | n/a | 1500 | 14797 |
| 14 | Commisioner of Inland Revenue | €2,504.28 | €2,504.28 | D | PF | FSS for the month of September, 2011 | 30/09/2011 | n/a | n/a | n/a | 1500 | 14851 |
| 15 | C.S.D. Office Trade | €46.96 | €46.96 | D | PF | envelopes 160 x 230 brown x 500 | 22/09/2011 | 36272 | 3679 | 3679 | 2620 | |
| | **Sub Total c/f** | **€21,769.78** | **€21,234.01** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€21,769.78** | **€21,234.01** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

A

**Kunsill Lokali: Naxxar** **Skeda Nru. Laqgha 36**

**Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mit-28 ta' Settembru 2011 sal-14 t'Ottubru 2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 16 | C.S.D. Office Trade | €9.58 | €9.58 | D | PF | 12 post it notes; 2 brown packing tape & 2 tape clear | 07/10/2011 | 36522 | 3701 | 3701 | 2620 | |
| 17 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | advert published in Government Gazette on the 27/09/2011 | 22/09/2011 | n/a | n/a | n/a | 2940 | |
| 18 | Discus Products Co. Ltd. | €200.00 | €200.00 | D | PF | goods | 22/09/2011 | 120518 | 3702 | 3702 | 3330 | |
| 19 | Doreen Gatt | €40.00 | €40.00 | D | PF | Zumba refund | 10/10/2011 | n/a | n/a | n/a | 3381 | |
| 20 | Dr Maria Fatima Deguara | €795.50 | €795.50 | D | PF | mayor's allowance - September 2011 | 29/09/2011 | n/a | n/a | n/a | 1100 | |
| 21 | Eco Pure Ltd. | €26.21 | €26.21 | D | PF | 18.9 ltrs of San Michel Table Water | 11/07/2009 | 452716 | n/a | n/a | 3320 | |
| 22 | Eco Pure Ltd. | €51.71 | €51.71 | D | PF | 18.9 ltrs of San Michel Table Water | 01/12/2008 | 436940 | n/a | n/a | 3320 | |
| 23 | G4s Security Services (Malta) Ltd. | €152.20 | €152.20 | D | PF | Cash collection services - Sept. 2011 | 30/09/2011 | GS003577 | n/a | n/a | 3190 | |
| 24 | Galea Curmi Engineering Consultants | €272.54 | €272.54 | T | PF | contract manager fee September 2011 | 30/09/2011 | 2445 | n/a | n/a | 3065 | |
| 25 | Gauci Borda & Co. Ltd. | €335.39 | €335.39 | D | PF | 1 Flag Malta National; 1 Flag E.U.; etc | 07/10/2011 | 65610 | 3683 | 3683 | 7210 | |
| 26 | Georgina Grima | €498.94 | €498.94 | D | PF | nursing fees - September 2011 | 30/09/2011 | n/a | n/a | n/a | 3150 | |
| 27 | Go plc. | €21.20 | €21.20 | D | PF | Call charge for August 2011 and rental charge for September 2011 (21416341 & 21423327) | 09/09/2011 | 26521710 | n/a | n/a | 2160 | 14855 |
| 28 | Go plc. | €188.57 | €188.57 | D | PF | Call charge for August 2011 and rental charge for September 2011 (21416363) | 09/09/2011 | 26521704 | n/a | n/a | 2160 | 14854 |
| 29 | Go plc. | €270.89 | €270.89 | D | PF | Call charge for August 2011 and rental charge for September 2011 (21417224) | 09/09/2011 | 26521703 | n/a | n/a | 2160 | 14855 |
| 30 | Grace Camilleri | €187.52 | €187.52 | D | PF | Librarian service - September 2011 | 03/10/2011 | n/a | n/a | n/a | 2995 | |
| | **Sub Total c/f** | **€3,059.57** | **€3,059.57** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€21,769.78** | **€21,234.01** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€24,829.35** | **€24,293.58** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Naxxar** **Skeda Nru. Laqgha 36**

**Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mit-28 ta' Settembru 2011 sal-14 t'Ottubru 2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 31 | Ivan Zammit | €45.00 | €45.00 | D | PF | transport services (Bugibba & Naxxar to airport and vice-versa) | 22/09/2011 | 050/11 | 3703 | 3703 | 3330 | |
| 32 | Jurgen Attard | €120.90 | €120.90 | T | PF | Football Ground Guardian - Sept. 2011 | 30/09/2011 | 1156692 | n/a | n/a | 3191 | |
| 33 | The Lighthouse Keepers | €276.41 | €276.41 | T | PF | Job Number: 1045/ ref. no.: 5608 | 03/10/2011 | KLNX1045 | n/a | n/a | 3065 | |
| 34 | The Lighthouse Keepers | €47.08 | €47.08 | T | PF | Job Number: 1046/ ref. no.: 5610 | 03/10/2011 | KLNX1046 | n/a | n/a | 3065 | |
| 35 | The Lighthouse Keepers | €45.95 | €45.95 | T | PF | Job Number: 1050/ ref. no.: 5638 | 03/10/2011 | KLNX1050 | n/a | n/a | 3065 | |
| 36 | The Lighthouse Keepers | €37.59 | €37.59 | T | PF | Job Number: 1042/ ref. no.: 5605 | 03/10/2011 | KLNX1042 | n/a | n/a | 3065 | |
| 37 | The Lighthouse Keepers | €18.10 | €18.10 | T | PF | Job Number: 1040/ ref. no.: 5583 | 03/10/2011 | KLNX1040 | n/a | n/a | 3065 | |
| 38 | The Lighthouse Keepers | €6.97 | €6.97 | T | PF | Job Number: 1041/ ref. no.: 5604 | 03/10/2011 | KLNX1041 | n/a | n/a | 3065 | |
| 39 | The Lighthouse Keepers | €52.12 | €52.12 | T | PF | Job Number: 1043/ ref. no.: 5606 | 03/10/2011 | KLNX1043 | n/a | n/a | 3065 | |
| 40 | The Lighthouse Keepers | €158.06 | €158.06 | T | PF | Job Number: 1039/ ref. no.: 5582 | 03/10/2011 | KLNX1039 | n/a | n/a | 3065 | |
| 41 | The Lighthouse Keepers | €45.95 | €45.95 | T | PF | Job Number: 1037/ ref. no.: 5578 | 03/10/2011 | KLNX1037 | n/a | n/a | 3065 | |
| 42 | The Lighthouse Keepers | €44.72 | €44.72 | T | PF | Job Number: 1038/ ref. no.: 5579 | 03/10/2011 | KLNX1038 | n/a | n/a | 3065 | |
| 43 | The Lighthouse Keepers | €19.45 | €19.45 | T | PF | Job Number: 1036/ ref. no.: 5549 | 03/10/2011 | KLNX1036 | n/a | n/a | 3065 | |
| 44 | The Lighthouse Keepers | €31.95 | €31.95 | T | PF | Job Number: 1031/ ref. no.: 5513 | 03/10/2011 | KLNX1031 | n/a | n/a | 3065 | |
| 45 | The Lighthouse Keepers | €6.28 | €6.28 | T | PF | Job Number: 1035/ ref. no.: 5544 | 03/10/2011 | KLNX1035 | n/a | n/a | 3065 | |
| | **Sub Total c/f** | **€956.53** | **€956.53** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€24,829.35** | **€24,293.58** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€25,785.88** | **€25,250.11** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

Kunsill Lokali: Naxxar

Skeda Nru. Laqgha 36

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mit-28 ta' Settembru 2011 sal-14 t'Ottubru 2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 46 | The Lighthouse Keepers | €6.28 | €6.28 | T | PF | Job Number: 1034/ ref. no.: 5543 | 03/10/2011 | KLNX1034 | n/a | n/a | 3065 | |
| 47 | The Lighthouse Keepers | €5.92 | €5.92 | T | PF | Job Number: 1033/ ref. no.: 5542 | 03/10/2011 | KLNX1033 | n/a | n/a | 3065 | |
| 48 | The Lighthouse Keepers | €31.87 | €31.87 | T | PF | Job Number: 1030/ ref. no.: 5509 | 03/10/2011 | KLNX1030 | n/a | n/a | 3065 | |
| 49 | The Lighthouse Keepers | €5.58 | €5.58 | T | PF | Job Number: 1014/ ref. no.: 5332 | 03/10/2011 | KLNX1014 | n/a | n/a | 3065 | |
| 50 | The Lighthouse Keepers | €153.69 | €153.69 | T | PF | Job Number: 1000/ ref. no.: 5278 | 03/10/2011 | KLNX1000 | n/a | n/a | 3065 | |
| 51 | The Lighthouse Keepers | €210.49 | €210.49 | T | PF | Job Number: 1002/ ref. no.: 5280 | 03/10/2011 | KLNX1002 | n/a | n/a | 3065 | |
| 52 | The Lighthouse Keepers | €40.70 | €40.70 | T | PF | Job Number: 1005/ ref. no.: 5301 | 03/10/2011 | KLNX1005 | n/a | n/a | 3065 | |
| 53 | The Lighthouse Keepers | €180.42 | €180.42 | T | PF | Job Number: 977/ ref. no.: 5176 | 03/10/2011 | KLNX977 | n/a | n/a | 3065 | |
| 54 | The Lighthouse Keepers | €207.15 | €207.15 | T | PF | Job Number: 970/ ref. no.: 5147 | 03/10/2011 | KLNX5147 | n/a | n/a | 3065 | |
| 55 | Mailbox Services Ltd. | €17.70 | €17.70 | D | PF | door to door distribution | 13/09/2011 | 633 | 3657 | 3657 | 2970 | |
| 56 | Melita plc. | €23.40 | €23.40 | D | PF | Telephony service - September 2011 | 01/09/2011 | 31014997 | n/a | n/a | 2160 | 14856 |
| 57 | Ministry for Resources & Rural Affairs | €495.41 | €495.41 | D | PF | Maintenance & repairs of lifts at NLC for the year of 2009 | 01/09/2011 | 90485 | n/a | n/a | 2370 | |
| 58 | MITA | €416.85 | €416.85 | D | PF | Maintenance & Support of Wide Area Connectivity (Oct - Dec 2011) | 06/10/2011 | 25341 | n/a | n/a | 3110 | |
| 59 | Northern Cleaning Group Ltd. | €6,786.33 | €6,786.33 | T | PF | Waste garbage collection - July 2011 | 31/07/2011 | NXR 7/11 | n/a | n/a | 3041 | |
| 60 | Northern Cleaning Group Ltd. | €6,786.33 | €6,786.33 | T | PF | Waste garbage collection - August 2011 | 31/08/2011 | NXR 8/11 | n/a | n/a | 3041 | |
| | **Sub Total c/f** | **€15,368.12** | **€15,368.12** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€25,785.88** | **€25,250.11** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€41,154.00** | **€40,618.23** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Approvati fis-Seduta Nru:

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Naxxar** **Skeda Nru. Laqgha 36**

**Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mit-28 ta' Settembru 2011 sal-14 t'Ottubru 2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | Piscopo Gardens | €160.00 | €160.00 | D | PF | 1 UV Stenilizer | 28/09/2011 | 1960 | 3689 | 3689 | 2370 | |
| 62 | Print It | €1,149.75 | €1,149.75 | D | PF | Council Newsletter qty 5400 | 02/09/2011 | 6050 | 3395 | 3395 | 2640 | |
| 63 | Robert Galea | €400.00 | €400.00 | D | PF | Aerobics Class commencing on 24.08.2011 & another Aerobics Class for BIC commencing on 01.08.2011 | 12/10/2011 | 5 | 3705 | 3705 | 3381 | |
| 64 | Scan Malta Ltd. | €103.55 | €103.55 | D | PF | HP Notebook battery | 23/09/2011 | 6486162 | 3678 | 3678 | 7315 | |
| 65 | Smart Supermarket | €182.20 | €182.20 | D | PF | several food & beverages | 07/09/2011 | 247184 | 3706 | 3706 | 3320 | |
| 66 | Smart Supermarket | €115.47 | €115.47 | D | PF | several food & beverages | 29/09/2011 | 286849 | 3685 | 3685 | 3320 | |
| 67 | Spiral Design | €11.80 | €11.80 | D | PF | supply of prints, size 24cm in diameter | 29/09/2011 | 2291 | 3688 | 3688 | 3053 | |
| 68 | Staff Salaries | €8,724.30 | €8,724.30 | D | PF | staff salaries - September 2011 | 29/09/2011 | n/a | n/a | n/a | 1200 | |
| 69 | Transient Ltd. | €435.18 | €435.18 | K | PF | 4 Metal Halide 150w; 2 Metal Halide 75w; 6 lights stand 3.5mtrs; etc | 04/10/2011 | n/a | 3707 | 3707 | 3360 | |
| 70 | WasteServ Malta Ltd. | €119.89 | €119.89 | D | PF | Ghallis Engineered Landfill (LAM305) | 15/09/2011 | 12461 | n/a | n/a | 3040 | |
| 71 | WasteServ Malta Ltd. | €6,918.25 | €4,757.34 | D | PF | allocated MSW waste - August 2011 (293.15 tonnes) | 15/09/2011 | 11966 | n/a | n/a | 3040 | |
| 72 | | | | | | | | | | | | |
| 73 | | | | | | | | | | | | |
| 74 | | | | | | | | | | | | |
| 75 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€18,320.39** | **€16,159.48** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€41,154.00** | **€40,618.23** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€59,474.39** | **€56,777.71** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

# B

**Income list for the month of September 2011** **04/10/2011**

| Code | Description | Amount |
|---|---|---|
| 0000 | Others | €242.33 |
| 0000 | funds to NLC from MEPA according to the scheme of UIF (Gnien toni Vella - 2008 works) | €31,891.45 |
| 0001 | Annual allocation from Government | €0.00 |
| 0015 | Other Government Income | €0.00 |
| 0020 | Commercial/directional signs | €139.77 |
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | €1,796.00 |
| 0023 | Cultural activities | €0.00 |
| 0024 | Football ground hire | €0.00 |
| 0025 | Skip Permit | €52.20 |
| 0026 | Crane Permit | €349.50 |
| 0027 | Kiosk Permit | €116.45 |
| 0028 | Outside activity permit | €21.00 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc. | €9.32 |
| 0031 | Hire of Council Hall | €70.00 |
| 0032 | Permits for placing tables and chairs | €11.65 |
| 0033 | Payment for damages to public property | €0.00 |
| 0036 | Contraventions | €0.00 |
| 0067 | Documents/Information charges (inc. Parking clocks, photos etc) | €11.38 |
| 0100 | Donations / sponsorships | €0.00 |
| 0121 | Advertising | €0.00 |
| 0125 | Trenching permits | €16.31 |
| 4006 | Contractors guarantees (refundable) | €1,730.00 |
| 4007 | Other refundable deposits | €0.00 |
| | **TOTAL** | **€36,457.36** |

Ċ

| Purchase Order list for the month of September 2011 | | | | 14/10/2011 |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| **Date** | **P.O. No.** | **Supplier** | **Items** | **Cost €** |
| 01/09/2011 | 3668 | Mdina Glass | Tokens fot Mornago Visit | €180.00 |
| 01/09/2011 | 3669 | Archway Ironmongery | Conf. room table/ Bank in front of PN Club | €31.73 |
| 01/09/2011 | 3670 | Martin Vassallo Lifting Service | service rendered for cleaning of culverts | €35.00 |
| 06/09/2011 | 3671 | Lilian Bazaar | Mornago Visit Sept. 2011 (caps) | €32.00 |
| 06/09/2011 | 3672 | B. Grima & Sons Ltd | Traffic Signs | €53.10 |
| 06/09/2011 | 3673 | Central Asphalt Ltd. | Road Repair | €1,971.69 |
| 07/09/2011 | 3674 | C.S.D. Office Trade | stationary including cartridges | €265.26 |
| 13/09/2011 | 3675 | COA Ink & Toner Ltd. | Toner | €44.19 |
| 13/09/2011 | 3676 | Artisans Centre | Silver plating complete with with engraving & presentation box | €108.32 |
| 13/09/2011 | 3677 | Charles Butcher | Maltese sausages | €29.53 |
| 22/09/2011 | 3678 | Scan Computers | HP 485041-001 6-Cell 47Wh Notebook Battery | €103.55 |
| 22/09/2011 | 3679 | C.S.D. Office Trade | A5 Brown envelopes | €46.96 |
| 23/09/2011 | 3680 | COA Ink & Toner Ltd. | empty toner cartridge hp ce; hp ce285a; hp laserjet pro m1132 mfp | €56.99 |
| 27/09/2011 | 3681 | Archway Ironmongery | Neon tubes | €4.15 |
| 27/09/2011 | 3682 | Snowhite Laundry | Laundry service for cleaning of flags | €25.00 |
| 27/09/2011 | 3683 | Gauci Borda | Flags | €335.40 |
| 27/09/2011 | 3684 | 3D Door to door distributions Ltd. | Distribution of flyers - BIC | €59.00 |
| 27/09/2011 | 3685 | Smart | Coffes, biscuits, etx. Conference room | €106.73 |
| 27/09/2011 | 3686 | DLG | Advert - TMI - 28/9/2011 | €37.50 |
| 27/09/2011 | 3687 | DOI | Advert - Gov Gazette - 27/9/2011 | €9.32 |
| 28/09/2011 | 3688 | Spiral Design Ltd | Stickers Ladies/Gents - Public convenience | €11.80 |
| 28/09/2011 | 3689 | Piscopo Garden Centre | Sterilizer - fountain at Pjazza Vittorja | €160.00 |
| 28/09/2011 | 3690 | Charlie Sant | service of a skip in Triq Zenqa | €65.00 |
| 28/09/2011 | 3691 | Archway | Pipe, cable ties, screws, cement, tape, marine-plywood | €96.91 |
| 28/09/2011 | 3692 | Richie's Ironmongery | Water Tank Lid | €26.40 |
| 28/09/2011 | 3693 | J & S Store | Water Ball Valve, heavy bags, screws & drills | €22.94 |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | **Total** | **€3,918.47** |

D

**MOZZJONI MILL-KUNSILLIER MARLON BRINCAT**

**Il-Kunsillier Marlon Brincat jinnota illi:**

Numru sostanzjali ta' ilmenti jew mhux qed ikunu trattati jew idumu biex jiġu trattati. Il-kaġun ta' dan jistgħu ikunu diversi u għalhekk iservi ta' ġid għall-Kunsill u speċjalment għar-residenti jekk naraw x'qiegħed iwassal għal dan u nsibu soluzzjoni aċċettabbli.

Meta tkellimt mas-Segretarju Eżekuttiv (ES) stqarr li hemm numru ta' ilmenti li qed jeħlu fl-amministrazzjoni iżda hemm numru akbar li jeħtieġu xi forma ta' deċiżjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill kien diġà ipprova sistema permezz ta' sottokumitat għall-ilmenti iżda jidher li dan ma rnexxiex filwaqt li kulħadd jaf li għal ċertu ilmenti kienet diffiċli li tittieħed deċiżjoni għaliex ma kienx proċedura li wieħed jista' jimxi magħha.

Is-SE infurmani li qiegħed għaddej b'ħidma interna biex ikollu aktar informazzjoni fuq l-ilmenti li jidħlu u biex jissolvew aktar ilmenti. Ħidma oħra għaddeja bejn is-SE u l-*Management and Efficiency Unit* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru biex ikunu rranġati elementi mis-sistema għall-benefiċċju tas-sistema kollha.

**Bħala pass 'il quddiem qiegħed għalhekk jipproponi illi:**

Il-Kunsill għandu jaddotta sistema ta' proċeduri li magħha għandha timxi l-amministrazzjoni. B'hekk ilmenti li huma regolari ma joqgħodux idumu jew jistennew deċiżjoni tal-Kunsill. Annessi f'A qed nelenka ilmenti u talbiet flimkien mal-proċessi li għandhom ikunu addottatti u mħaddma mill-amministrazzjoni. Fil-każijiet kollha l-amministrazzjoni għandha taċċerta li l-ilmenti u t-talbiet ikunu rreġistrati fis-sistema tal-*Customer Care.*

Il-Kunsill għandu jirrevedi dawn il-proċeduri u jżid magħhom skont il-ħtieġa minn żmien għal żmien.

Huwa mifhum li dawn jistgħu ikunu jeħtieġu *fine tuning* relattivament spiss speċjalment fl-ewwel żminijiet tal-bidu u la darba jkunu mħaddma mill-amministrazzjoni. Għalhekk il-Kunsill qiegħed ikun awtorizzat biex, b'deċiżjoni sempliċi f'laqgħa tal-Kunsill ikun jista' jbiddel u jżid mal-proċeduri elenkati f'A mingħajr il-ħtieġa ta' riżoluzzjoni speċjali.

**Tissekonda:**
Anne Marie Muscat Fenech Adami

# D (a)

**LISTA TA' TALBIET U ILMENTI U L-PROĊEDURA LI GĦANDHA TKUN ADDOTTATA**

**Ilmenti minn nuqqasijiet minn kuntratturi tal-Kunsill**:- L-amministrazzjoni tieħu azzjoni mal-kuntrattur immedjatament. F'każ li kuntratturi partikulari jkunu l-kaġun ta' diversi ilmenti, is-SE għandu jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill fil-ħin opportun.

**Ilmenti dwar ħsarat jew vandaliżmu fuq sinjali tat-traffiku eżistenti**:-L-amministrazzjoni taqbad u tordna l-irranġar/bdil tagħhom skont il-bżonn.

**Ilmenti dwar ħsarat jew vandaliżmu fuq għamara eżistenti tat-triq (bankijiet, *bollards*, *litter bins*, *lamp posts*, *barriers*)**:- L-amministrazzjoni għandha tevalwa jekk il-ħsara hijiex meqjusa *wear & tear* normali u, jekk hu każ ta' vandaliżmu, huwiex dak li wieħed jistenna minn żmien għal żmien. F'dawn il-każijiet l-amministrazzjoni għandha tipproċedi bix-xogħol meħtieġ. Jekk l-ispejjeż għal tibdil partikulari (eskluż ix-xogħol u materjal użat bħala parti mix-xogħol) jeċċedi l-€100, tali tibdil isir bl-approvazzjoni tal-Kunsill. Sakemm isir dan però, kull materjal li jkun irid jinbidel, għandu, sa fejn ikun possibli, jinqala' minn postu ħalli jkunu evitati inċidenti. Jekk ikun każ ta' vandaliżmu straordinarju jew ripetut, qabel ma s-SE jawtorizza x-xogħol, għandu jikseb l-approvazzjoni tal-Kunsill. Vandaliżmu ripetut huwa meqjus dak il-vandaliżmu fuq l-istess oġġetti f'perijodi frekwenti aktar minn xahar fuq tliet okkorrenzi wara xulxin.

**Ħsarat fit-toroq u l-bankini**:- Fejn hemm ħsarat li jistgħu jikkawżaw periklu l-amministrazzjoni għandha tieħu l-passi immedjatament billi tornda li jsir ix-xogħol ta' tiswija.

**Ilmenti dwar ħsarat ta' bozoz**:- L-amministrazzjoni taqbad u tirraporta l-ħsara jew lill-Enemalta jew lill-kuntrattur tal-Kunsill.

**Tabiet għal bozoz ġodda**:- L-amministrazzjoni għandha timxi mal-proċeduri interni stabbiliti, jiġi verifikat kemm hemm bozoz fit-triq u fil-viċinanzi, u jekk jinstab mill-amministrazzjoni li hemm nuqqas ta' dawl, it-talba titressaq għad-deċiżjoni tal-Kunsill fl-ewwel opportunità li jkun imiss.

**Talbiet għaż-żebgħa mill-ġdid (*refreshing*) ta' marki tat-toroq**:- Jekk it-talba tkun għal Triq San Pawl, Triq il-Parroċċa, Pjazza Vittorja, il-parti ta' fuq ta' Triq tal-Labour u Vjal il-21 ta' Settembru, l-amministrazzjoni għandha tordna x-xogħol sakemm xogħol simili ma jkunx sar fil-perijodu tas-sitt xhur ta' qabel. Għall-kumplament tat-toroq, l-amministrazzjoni tista' tordna x-xogħol sakemm xogħol simili ma jkunx sar fil-perijodu ta' sena qabel. Fiż-żewġ każijiet però, kemm-il darba l-amministrazzjoni tqis li l-marki kważi ma jkunux jidhru, tkun tista' tipproċedi mingħajr ma tqis meta jkun sar ix-xogħol ta' qabel. Dan kollu ma jżommx lill-amministrazzjoni milli tordna xogħol ta' rutina mingħajr il-ħtieġa ta' ilmenti.

**Talbiet għal marki ġodda li ma jkunux jeżistu**:- L-amministrazzjoni għandha timxi b'dan il-mod: *Talbiet għal slow markings*:- L-amministrazzjoni taqbad u tipproċedi bix-xogħol.

*Talbiet għal STOP markings*:- Jekk l-amministrazzjoni tkun konvinta li t-talba hija ġustifikata (fis-sens li l-post fejn mitlub jimmerita din il-marka), l-amministrazzjoni tapplika ma' Transport Malta (TM) u kif ikollha l-approvazzjoni tipproċedi bix-xogħol.

*Sinjali sofor fil-kantuniera f'qisien standard*:- L-amministrazzjoni tipproċedi bix-xogħol.

*Sinjali sofor fil-kantuniera f'qisien inqas minn dawk stabbiliti*:- L-amministrazzjoni tapplika għand TM u skont ir-risposta tipproċedi.

*Sinjali sofor fil-kantuniera f'qisien itwal minn dawk stabbiliti*:- L-amministrazzjoni tikkonsulta mar-residenti u n-negozji tal-viċin u jekk ikun hemm kunsens l-amministrazzjoni tapplika ma' TM u tipproċedi skont l-approvazzjoni. F'każ li t-talba tkun tinteressa lil persuni oħra mhux residenti, l-amministrazzjoni għandha tevalwa l-każ u, jekk issib li hija ġustifikata għandha xorta waħda tikkonsulta mar-residenti / negozji u tibgħat l-applikazzjoni lil TM fejn, apparti li tagħti r-rakkomandazzjoni, għandha ssir riferenza għall-kummenti tar-residenti/negozji, jekk ikun hemm.

*Parking bays ikkumplimentati ma' sinjali sofor tal-garaxxijiet*:- L-amminsitrazzjoni tagħmel konsultazzjoni mar-residenti/negozji u jekk ikun hemm maġġoranza li taqbel, issir applikazzjoni lil TM u eventwalment isir ix-xogħol skont l-approvazzjoni.

*Sinjali sofor minħabba problemi ta' aċċess f' garaxxijiet partikulari*:- L-amministrazzjoni għandha tirrikonoxxi li l-individwu partikulari jkollu problema li trid tissolva iżda jrid ikun aċċertat li s-soluzzjoni għal problema ma toħloqx oħra differenti lil ħaddieħor. Minn tarf tal-proprjetà tal-individwu (fejn id-daħla tal-garaxx) sal-faċċata jrid ikollu 6m spazju. Dan jgħodd b'mod partikulari jekk id-daħla tal-garaxx ma tkunx aktar minn tliet metri. Fejn hemm daħla usa, issir prova fit-triq ħalli l-amministrazzjoni taċċerta li l-problema hija reali. Fl-istess waqt l-amministrazzjoni għandha tara jekk l-istess problema teżistix għal residenti oħra u jekk ikun il-kas, għandha tikkonsulta mar-residenti u tipproponi organizzazzjoni bil-marki tal-parkeġġi għat-triq kollha. Jekk ikun hemm oġġezzjoni mir-residenti, u l-problema tal-individwu tkun ikkonfermata, għandhom ikunu ordnati l-marki sofor ta' metru fuq kull naħa tal-garaxx.

**<u>Talbiet għal kisi mill-ġdid ta' toroq</u>**:- L-amministrazzjoni għandha tara li jkollha lista aċċessibbli faċilment ta' toroq skont il-prijoritajiet mill-Kunsill li jeħtieġu kisi mill-ġdid. Kemm-il darba jkun hemm talba għal xi triq li tkun tinsab fil-lista, l-amministrazzjoni għandha toffri kemm jista' jkun informazzjoni lill-klijent u possibilment indikazzjoni ta' meta jkun previst li jitwettaq ix-xogħol. Jekk it-triq li għaliha tkun qed issir it-talba ma tkunx inkluża fil-lista, għandha tiddaħħal f'lista oħra miżmuma mill-amministrazzjoni ta' talbiet ġodda għall-kisi tat-toroq filwaqt li l-klijent ikun infurmat li ġiet inkluża f'din il-lista li però tkun trid tiġi kkunsidrata wara li tiġi eżawrita l-lista tal-prijoritajiet. Sadanittant it-talba tkun meqjusa magħluqa. Meta l-Kunsill ikun wasal biex jeżawrixxi x-xogħol tal-lista, is-SE għandu jressaq din il-lista għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill skont it-talbiet addizzjonali li jkunu daħlu.

**<u>Tibdil ta' bankini</u>**:- Il-Kunsill għandu jħaffef biex ikollu l-ewwel lista uffiċċjali ta' bankini skont prijoritajiet. La darba din tkun lesta, l-amministrazzjoni għandha taddotta l-istess sistema applikabbli għat-talbiet għall-kisi mill-ġdid tat-toroq.

**<u>Talbiet għal miżuri ġodda tat-traffiku</u>**:- L-amministrazzjoni għandha tgħaddi t-talba lill-Kunsill fl-ewwel opportunità li jkun hemm.

E


BARRIERA
TRIQ SPANJA
TRIQ IL-BRAZIL
TRIQ IL-MAROKK
TRIQ KORFU
TRIQ IT-TUFFIEĦ
TRIQ IĊ-ĊIRASA